MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 395/2013

. **Caxton Print Shop Limited**
**C 17080**

**Vs**

**Setra Trading Limited**
**C 54963**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi matul Gunju u Lulju tas-sena 2012 is-socjeta' rikorrenti, fuq inkarigu tas-socjeta' intimata, ghamlet diversi xogholijiet ta' stampar ta' tabelli ghal hwienet gestiti mis-socjeta' intimata taht l-isem "My Meat and Fruit" gewwa Birkirkara u Zurrieq;

Illi s-socjeta' rikorrenti lestiet u wahlet it-tabelli fil-hanut ta' Zurrieq u Birkirkara f'Gunju u Lulju 2012 rispettivament;

Illi f'Awwissu 2012, is-socjeta' rikorrenti harget il-fattura hawn annessa u mmarkata Dokument A ghas-somma totali ta' tlett elef, mitejn u disa' Ewro u sittin centezmu (€3,209.06) izda minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal-hlas, is-socjeta' intimata baqghet inadempjanti u l-ammont ghadu dovut sal-gurnata tallum;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas tal-ammont ta' tlett elef, mitejn u disa' Ewro u sittin centezmu (€3,209.60), oltre l-imghax legali kumercjali;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A (985/2013) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (1064/2013) li gew pprezentati fit-30 ta' April, 2013, bl-ingunzjoni tal-istess socjeta' initmata.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat risposta fit-18 ta' Settembru, 2013 fejn eccepiet:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa kontestat, u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ghandha ggib prova dokumentarja ta' kull ordni li sar mis-socjeta' eccipjenti u tal-konsenja ta' kull ordni, u fin-nuqqas, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi mhux ippruvati;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji, u b'riserva ta' kull dritt t'azzjoni spettanti lis-socjeta' eccipjenti ghad-danni stante l-mandat kawtelatorju bin-numru, 1064/2013 imressaq fil-konfront taghha.

Xehed Richard Schembri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li spjega li kien gie mitlub minn Guiseppe Trapani sabiex jaghmillu xi tabelli. Dan ix-xoghol sar u twahhlu fil-hanut u ghadhom hemm.

Lil Giuseppe Trapani s-socjeta' attrici kienet diga taghmillu xi xoghol ta' printing tal-packages. Meta tlesta x-xoghol u ntbaghtet l-invoice fuq International Meats Ltd kif kien dejjem ssir Guiseppe Trapani talbu biex l-invoice tohrog fuq Setra Trading Ltd. Guiseppe Trapani huwa d-direttur taz-zewg kumpaniji. B'kollox sar sittax il-sigrage. Ta' dan ix-xoghol is-socjeta' attrici ma thallset qatt u kull meta staqsa ghal hlas Guiseppe Trapani kien jghidlu biex jghatih cans peress illi qed jiftah il-hwienet pero fuq ix-xoghol qatt ma rcieva 'lment.

Is-socjeta' konvenuta minkejja li nghatat diversi seduti sabiex tressaq il-provi taghha, din naqset milli taghmel dan u naqset ukoll milli tibghat rapprezentant taghha ghas-seduti fil-Qorti.

Wara li l-kawza giet trattata.

It-Tribunal ikkunsidra.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal xoghol li ghamlet, ikkonsenjat, twahhal u baqa' mwahhal. Minn naha l-ohra l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta' konvenuta hija li ma saritx ordni u li s-socjeta' attrici ma ppruvatx d-debitu taghha. It-Tribunal wara li l-iskambju ta' emails iqis illi l-kliem "Per me puoi andare avanti, vanno bene" minghuta minn Guiseppe Trapani lis-socjeta' attrici fil-15 ta' Gunju, 2012 jammontaw ghal order minghand Guiseppe Trapani.

Fir-rigward dwar jekk l-oggetti filfatt twaslux ghand is-socjeta' konvenuta, it-Tribunal iqis illi dawn waslu peress illi s-socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet ma resqitx l-eccezzjoni illi l-afarijiet ma gewx konsenjati.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tlett elef, mitejn u disa' Ewro u sittin centezmu (€3,209.60) bl-imghax legali mit-28 ta' Awissu, 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali numru 985/2013 u tal-mandat ta' sekwestru kawteklatorju 1064/13 ikun a karigu tas-socjeta' konvenuta

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------